



# Profil tas-Surmast Amante Attard
## It-tielet Surmast Direttur tal-Banda San Pawl
### 50 Sena mill-ħatra tiegħu bħala Surmast Direttur tal-Banda San Pawl

Tagħrif miġbur minn Keith Muscat



Iben Franġisku Attard u Maria Carmela nee' Gatt, Amante twieled f'Ħaż Żebbuġ nhar il-25 ta' Frar 1926. Għalkemm kien primarjament edukatur, matul ħajtu kien attiv ħafna fl-oqsma tal-kultura, l-isport u l-ħajja soċjali b'mod speċjali f'raħal twelidu.

Meta fl-1961 twaqqaf il-każin 12th May and Social Club, insibu lil Amante Attard bħala l-ewwel Surmast Direttur ta' dan il-każin, liema kariga baqa' jokkupa sal-1981. Huwa kien impjegat bħala għalliem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u baqa' javvanza fil-karriera sakemm ġie maħtur kap tal-iskola primarja ta' Ħaż Żebbuġ. F'żogħżitu fforma parti mit-tim ta' Żebbuġ Rangers FC. F'numru ta' okkażżjonijiet huwa dderieġa is-*San Domenico Savio Choir*.

Huwa nħatar Direttur Mużikali tal-Banda San Pawl fl-1967, meta' Mro Salvino Vella ddeċieda jirtira. Mro Attard jibqa' mfakkar għall-diversi marċi li kkompona, kemm brijjuż kif ukoll funebri. Tnejn minn dawn il-marċi għandhom sinjifikat speċjali għas-Soċjeta' Mużikali San Pawl, qed nirreferi għall-Innu lill-Banda San Pawl u l-Innu Marċ lill-Marija Addollorata. Huwa kkompona wkoll marċ bl-isem ta' Sirens, b'referenza għat-tim tal-waterpolo ta' San Pawl il-Baħar. Il-Banda San Pawl kompliet miexja l-quddiem taħt it-treġijja ta' Mro Attard, tant li kienet tiġi mistiedna biex iddoqq f'diversi festi madwar Malta.

Amante Attard kien iħobb ir-raħal pittoresk ta' San Pawl il-Baħar, tant li flimkien ma' martu Doris u t-tfal tiegħu Romuald u Hilary, kienu jqattaw il-jiem tal-villeġjatura f'dar fi Triq Parades.

Mro Amante Attard għadda d-direzzjoni tal-Banda San Pawl lis-Surmast Charles Cachia fl-1981. Huwa ħalla dan il-wied tad-dmugħ fit-2 ta' Mejju 1983 fl-eta ta' 57 sena. F'Ħaż Żebbuġ insibu triq imsejjija għalih.